# Beati u Qaddisin....Settembru

## Beata Colomba Gabriel 24 ta' Settembru

Il-pollaka, Joanna Matylda Gabriel, Colomba l-isem taghha ta' religjuza, kienet ibbeatifikata fis-sena 1993 mill-Papa Gwann Pawlu II. Hajjitha ghaddietha kemm fil-Polonja kif ukoll f' Ruma. Mwielda f'Stanislawow (issa Ukranja) fis-sena 1858, dahlet mas-sorijiet benedittini wara li kienet tahdem bhala ghalliema fl-iskejjel pubblici.



Kienet ukoll maghzulha biex taqdi d-dmir ta' Badessa jew Superjura gewwa Leopoli imma giet trasferita f'Subiaco minhabba xi nuqqas ta' qbil intern fil-monasterju.

Imbaghad gewwa Urbe hija ddedikat ruhha ghall-htigijiet taz-zaghzagh fil- bzonn fil-parrocci ta' Testaccio u Prati. Waqqfet fis-sena 1908 il-Benedittini tal-Karita' u bil-ghajnuna tal-familji nobbli rumani wettqet il-hsieb taghha li tibni dar ghal-guvintur fqar biex fiha isibu l-kenn taghhom. Mietet fis-sena 1926 gewwa Centocelle.